bidel fi trab. Il-ġisem tal-bniedem, li ħa wkoll is-sura mit-trab ta' l-art, huwa trab. Il-lum nistgħu nwettqu aħjar kliem il-qassis, fl-Erbgħa tar-Rmied, u nistgħu ngħidu wkoll li l-bniedem huwa trab, igħix bit-trab, u jerġa' trab.

Kollox, immela, isir trab! Dak biss ma jsirx trab, dak li huwa ogħla mit-trab ta' l-art, għax huwa eqreb lejn Alla li m'huwiex trab. Hija r-ruħ tal-bniedem li tagħraf suritha u xbihitha minn Alla, u mhux mit-trab, u għalhekk qatt ma ssir trab. Jintemm il-ġisem tal-bniedem fit-trab ta' l-art għax igħix bit-trab; imma ruħu tibqa'... għax tgħix bin-nifs li joħroġ mill-fomm ta' Alla.

U jekk huwa għaġeb kif kollox isir trab, huwa għaġeb tassew akbar kif il-bniedem, wara li jsir trab, jerġa' kif kien biex jingħaqad ma' ruħu. Iqum il-bniedem u jinfired mit-trab, biex jerġa' jgħix... għax iklu mhux biss ħobż, u jibqa' bla jintemm, waħdu fost il-ħolqien, bit-trab li kien tah Alla.

---

## "GHANJIET BIKRIJA", ta Ġ. Zarb Cousin. — Lux Press.

Din hija damma ta' tletin poeżija miktubinn minn G. Zarb Cousin, tax-"Xirka tal-Malti għat-Tfal" (Fergħa Sliema). Il-fatt li kiteb dawn il-poeżiji meta anqas biss m'għandu għoxrin sena juri fl-isbaħ dawl lix-Xirka tat-Tfal, kif ukoll jixhed il-potenzjalità letterarja tat-tfal Maltin.

Dawn it-tletin poeżija jħaddnu kemm-il-suġġett: bejn l-ewwel waħda "*Lil San Ġwann B. de la Salle*" u l-aħħar waħda "*Lil Stella Maris*" il-kittieb igħaddi minn ġrajjiet u persunalitajiet ta' żmienna, bħal Churchill u Ruma meħlusa, igħaddi għal ħsebijiet aktarx serji (għal tifel daqsu) fuq il-ħajja u l-bniedem sakemm jasal għall-ottimiżmu ta' "*Kunu Hienja*" u "*Għanja tat-tfal Maltin*". Għax barra minn ħwejjeġ oħra Zarb Cousin għandu messaġġ x'jibgħat lil sħabu t-tfal ta' Malta, "Żommu quddiem għajnejkom li intom qalbenin" igħidilhom "tħallux in-niket jegħlibkom, "kissru r-rabit tad-dwejjaq", u rawmu ġo fihom rieda qawwija li ma tintinkiser b'xejn." Huwa nnifsu jfisser dan fil-poeżija "*Rieda*".

"Ibqgħu rwiefen duru miegħi:<br>
Dina r-rieda tibqa' tiegħi!"

Rieda qawwija! Din li teħtieġ titnissel fost it-tfal Maltin.

Nittamaw li minn fost l-imseħbin tax-Xirka tal-Malti għat-Tfal joħorġu kittieba żgħar oħra, b'xogħlijiet tajba miktuba mit-tfal għat-tfal.

G. C. P.



# L-ISKRUN TA' L-AJRUPLAN

*Ta'* VIC. APAP

*Lil ħabibi Karm. Vassallo.*

Ittajjar, idwi, agħqad,<br>
ja skrun ta' l-ajruplan,<br>
narak tleqq f'dawl is-sema<br>
iddur mingħajr serħan.

Nisimgħek twerden, twerden,<br>
sakemm titbiegħed sewwa,<br>
f'ħin wieħed nilmħek riesaq<br>
iġġorr warajk id-dnewwa

li moħħ il-bniedem ħalaq,<br>
u għaraf bik jinqeda<br>
biex toqol kbir itajjar<br>
u fl-ajru b'hekk tinbeda

ħajja oħra li magħluqa<br>
kienet għal dawk ta' qbilna,<br>
għax l-ajru kien għat-tajra<br>
u issa ngħata lilna.

Ittajjar, idwi, agħqad,<br>
fuq dar il-għadu mur:<br>
hemm tkixxef x'qed iħejji<br>
u ibqa' b'qawwa dur

sa terġa' lura f'darna<br>
tgħidilna b'kulma tara:<br>
kemm jidhru bastimenti,<br>
x'hemm fihom il-mitjara.

Tħażżem bil-bombi tajjeb<br>
u venven mill-ġdid fuqu,<br>
roxxlu ftit duwa taħraq,<br>
dik żgur li għandha ttuqu.

Qed nisma' t-twerdin tiegħek<br>
iqarreb mis-smewwiet,<br>
minn sħaba tleħħ bħal berqa<br>
sa tinżel tmiss l-għoljiet;

imbagħad qisek ħamiema<br>
narak mill-ġdid tittajjar,<br>
mas-sħab iddur u tvenven<br>
sakemm issir wisq żgħajjar.